2 ta' April, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonio Debono et. *versus* Paolo Borg

**Lokazzjoni — Morożità fil-ħlas tal-Kera — Żgumbrament — Kompetenza — Board tal-Kera — Kontumaċja**

*Meta si tratta ta' rilokazzjoni taċita li tkun għadha miexja, il-Qorti ordinarja mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża għall-iżgumbrament tal-inkwilin fuq il-motiv ta' morożità fil-ħlas tal-kera. Fejn hemm rilokazzjoni taċita miexja, u ma hemmx żmien jew terminu konvenut, dik il-kompetenza tmiss lill-Board tal-Kera.*

*U' dina l-inkompetenza hija sollevabbli mill-Qorti "ex officio", unki jekk l-inkwilin ikun kontumaċi; għaliex il-kontumaċja tal-konvenut ma tagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-kawża, u għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina l-ġustizzja tad-domandi tal-attur mingħajr ma jieħu kont tal-kontumaċja tal-konvenut.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenut ma ħallasx l-ammont ta' £18 għal tliet snin kera tal-fond Casal Żebbuġ, Trieq tas-Siġġiewi, numru 4, il-lum numru 3, Sqaq numru 4, skaduti b'lura fl-24 ta' Jannar, 1954, u kanonizzati b'sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru, 1954, u lanqas £6 għal sena kera skaduta fl-24 ta' Jannar, 1955, jitolbu illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvediment li jkun hemm bżonn, tiġi riżoluta l-lokazzjoni ta' l-istess fond, u l-konvenut jiġi kundannat li jiżgombra dan il-fond f'terminu qasir li tagħtieħ din il-Qorti. Bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jitolbu r-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, magħmula minnhom lill-konvenut, u l-iżgumbrament mill-istess fond tal-konvenut minħabba fil-morożità tiegħu fil-ħlas tal-kera;

Illi, għalkemm ma jaqbelx ma' dak li jingħad fil-kawża l-oħra ..... Għalhekk ma jittrattax f'dan il-każ minn lokaz-

zjoni korrenti ta' fond, imma jittratta minn rilokazzjoni taċita miexja ta' l-istess fond, jiġifieri minn sena għal sena;

Illi, stabbilit dan il-fatt, dina l-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-atturi. Tabilħaqq, kif ġie deċiż minn din l-istess Qorti fl-20 ta' Diċembru, 1940, nil-kawża "Cilia vs. Cordina", skond il-ġurisprudenza, fejn hemm rilokazzjoni taċita miexja, u ma hemmx żmien jew terminu konvenut, mhix kompetenti l-Qorti ordinarja biex tordna l-iżgumbrament, imma l-Board li jirregola l-Kera (Vol. XXX-II-346);

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1935, fil-kawża "Scicluna vs. Banavage", din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza hija sollevabbli mill-Qorti, għalkemm il-konvenut huwa kontumaċi; tant għaliex il-kontumaċja tal-konvenut ma tagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-kawża, u għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina l-ġustizzja tad-domandi ta' l-attur mingħajr ma jieħu kont tal-kontumaċja tal-konvenut, kemm għaliex l-eċċezzjoni hi sollevabbli "ex officio" meta, għar-raġuni ta' materja, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza jew ġurisdizzjoni tal-Qorti (Vol. XXIX-II-293);

Għal dawn ir-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenut;

Tiddikjara ruħha inkompetenti illi tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-atturi.